**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru 16**
**It-Tnejn, 13 ta' Ġunju, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - DIRECT ORDERS**

**67. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jgħid, minn Jannar 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il *direct order* ħarġet mill-Ministeru tiegħu u kull entità li taqa' taħtu u kemm kien il-valur totali ta' dawn id-*direct orders*? Lil min inħarġet u x'kien il-valur ta' kull *direct order*?

09/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - DIRECT ORDERS**

**68. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jgħid, minn Jannar 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il *direct order* ħarġet mill-Ministeru tiegħu u kull entità li taqa' taħtu u kemm kien il-valur totali ta' dawn id-*direct orders*? Lil min inħarġet u x'kien il-valur ta' kull *direct order*?

09/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - DIRECT ORDERS**

**69. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid, minn Jannar 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il *direct order* ħarġet mill-Ministeru tiegħu u kull entità li taqa' taħtu u kemm kien il-valur totali ta' dawn id-*direct orders*? Lil min inħarġet u x'kien il-valur ta' kull *direct order*?

09/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI U AFFORDABBLI - DIRECT ORDERS**

**70. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid, minn Jannar 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il *direct order* ħarġet mill-Ministeru tiegħu u kull entità li taqa' taħtu u kemm kien il-valur totali ta' dawn id-*direct orders*? Lil min inħarġet u x'kien il-valur ta' kull *direct order*?

09/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET - DIRECT ORDERS**

**71. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid, minn Jannar 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il *direct order* ħarġet mill-Ministeru tiegħu u kull entità li taqa' taħtu u kemm kien il-valur totali ta' dawn id-*direct orders*? Lil min inħarġet u x'kien il-valur ta' kull *direct order*?

09/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contracting Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR - DIRECT ORDERS**

**72. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid, minn Jannar 2021 sa meta tiġi mwieġba din il-mistoqsija, kemm-il *direct order* ħarġet mill-Ministeru tagħha u kull entità li taqa' taħtha u kemm kien il-valur totali ta' dawn id-*direct orders*? Lil min inħarġet u x'kien il-valur ta' kull *direct order*?

09/05/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-Contact Authority tippubblika din l-informazzjoni fuq il-Gazzetta tal-Gvern għal kull procurement li jsir għal kull perjodu ta' sitt xhur, skont ir-Regolament 111(2) tal-Public Procurement Regulations.

Seduta 16
13/06/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**372. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jagħti n-numru ta' impjegati li huma mqabbda ma' kuntratturi privati li għandhom kuntratti għal servizzi mal-Gvern ta Malta li jaqa' taħt il-Ministeru? Għal kull post, jista' l-Ministru jagħti n-numru rispettiv ta' ħaddiema? Jista' jagħti l-grad u l-paga tal-ħaddiema rispettivi skont il-kuntratt? Jista' jagħti l-lista ta' gradi ekwivalenti ta' ħaddiema ċivili li għandhom l-istess job description u l-paga tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li mhux fil-kompitù tal-Gvern li jidħol f'kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji privati.

Seduta 16
13/06/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**373. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jagħti n-numru ta' impjegati li huma mqabbda ma' kuntratturi privati li għandhom kuntratti għal servizzi mal-Gvern ta Malta li jaqa' taħt il-Ministeru? Għal kull post, jista' l-Ministru jagħti n-numru rispettiv ta' ħaddiema? Jista' jagħti l-grad u l-paga tal-ħaddiema rispettivi skont il-kuntratt? Jista' jagħti l-lista ta' gradi ekwivalenti ta' ħaddiema ċivili li għandhom l-istess job description u l-paga tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant illi mhux fil-kompitu tal-Gvern li jidħol f'kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji privati.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**374. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' impjegati li huma mqabbda ma' kuntratturi privati li għandhom kuntratti għal servizzi mal-Gvern ta Malta li jaqa' taħt il-Ministeru? Għal kull post, jista' l-Ministru jagħti n-numru rispettiv ta' ħaddiema? Jista' jagħti l-grad u l-paga tal-ħaddiema rispettivi skont il-kuntratt? Jista' jagħti l-lista ta' gradi ekwivalenti ta' ħaddiema ċivili li għandhom l-istess job description u l-paga tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li mhux fil-kompitù tal-Gvern li jidħol f'kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji privati.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**375. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' impjegati li huma mqabbda ma' kuntratturi privati li għandhom kuntratti għal servizzi mal-Gvern ta Malta li jaqa' taħt il-Ministeru? Għal kull post, jista' l-Ministru jagħti n-numru rispettiv ta' ħaddiema? Jista' jagħti l-grad u l-paga tal-ħaddiema rispettivi skont il-kuntratt? Jista' jagħti l-lista ta' gradi ekwivalenti ta' ħaddiema ċivili li għandhom l-istess job description u l-paga tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninsab infurmat li mhux fil-kompitù tal-Gvern li jidħol f'kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji privati.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**376. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' impjegati li huma mqabbda ma' kuntratturi privati li għandhom kuntratti għal

servizzi mal-Gvern ta Malta li jaqa' taħt il-Ministeru? Għal kull post, jista' l-Ministru jagħti n-numru rispettiv ta' ħaddiema? Jista' jagħti l-grad u l-paga tal-ħaddiema rispettivi skont il-kuntratt? Jista' jagħti l-lista ta' gradi ekwivalenti ta' ħaddiema ċivili li għandhom l-istess job description u l-paga tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninsab infurmat li mhux fil-kompitù tal-Gvern li jidħol f'kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji privati.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI - ĦADDIEMA MQABBDA MA' KUNTRATTURI**

**377. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti n-numru ta' impjegati li huma mqabbda ma' kuntratturi privati li għandhom kuntratti għal servizzi mal-Gvern ta Malta li jaqa' taħt il-Ministeru? Għal kull post, jista' l-Ministru jagħti n-numru rispettiv ta' ħaddiema? Jista' jagħti l-grad u l-paga tal-ħaddiema rispettivi skont il-kuntratt? Jista' jagħti l-lista ta' gradi ekwivalenti ta' ħaddiema ċivili li għandhom l-istess job description u l-paga tagħhom?

17/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninsab infurmat li mhux fil-kompitù tal-Gvern li jidħol f'kemm jimpjegaw nies dawn il-kumpaniji privati.

Seduta 16
13/06/2022

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI – KAŻIJIET PENDENTI**

**637. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol:
Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet pendenti quddiem it-Tribunal Industrijali sal-aħħar ta' April, 2022?

19/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**ĠWIEŻ GĦALL-ANNIMALI - SKEMA**

**641. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk spejjeż relatati mal-ġwież tal-annimali hux se jkunu koperti mill-iskema ta' €30 miljun li biha għandhom jibbenefikaw kumpaniji involuti fl-importazzjoni, il-manifattura u l-bejgħ bl-ingrossa ta' qmuħ?

19/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**ĠWIEŻ GĦALL-ANNIMALI - SKEMA**

**642. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk spejjeż relatati mal-ġwież tal-annimali hux se jkunu koperti mill-iskema ta' €30 miljun li biha għandhom jibbenefikaw kumpaniji involuti fl-importazzjoni, il-manifattura u l-bejgħ bl-ingrossa ta' qmuħ?

19/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dawk involuti fil-manifattura jew fl-importazzjoni tal-ġwież tal-annimali jistgħu jibbenefikaw mill-iskema msemmija.

Seduta 16
13/06/2022

**ĦAL QORMI – NIGHT SHELTERS**

**643. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx ħsieb li jinbena *night shelter* għall-anzjani f'Ħal Qormi stess mill-Gvern Ċentrali? Jekk iva, jista' jagħti dettalji dwar dan?

19/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kull talba għal Night Shelter tiġi evalwata skont id-domanda u disponibbiltá. L-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità tinkludi numru ta' sodod għal Night Shelter ma' kull ftehim ta' xiri ta' sodod li jsir ma' operaturi ta' djar privati tal-anzjani biex ikun hemm firxa wiesgħa ta' Night Shelters.
Bħalissa l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità m'għandhiex applikazzjonijiet pendenti għas-servizzi ta' Night Shelter.

Seduta 16
13/06/2022

**ĦAL QORMI – ŻIEDA TA' SPAZJI MIFTUĦA**

**644. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa f'Ħal Qormi? Jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar dan?

19/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Qormi għadu kif inawgura 'Wesgħet Renald Falzon', ġnien li nbena ġdid fiż-żona Ta' Farsina.
Bħalissa l-Kunsill jinsab għaddej b'riġenerazzjoni tal-ġonna li għandu fil-lokalità, fosthom Ġnien f'Misraħ iż-Żebbuġ, Ġnien l-Armier u Vjal de la Cruz.

Il-Kunsill Lokali kien strumentali fil-kisba ta' fondi sabiex fi Piazza Federico Maempel isir proġett ta' €1.2miljuni.

Seduta 16
13/06/2022

**ĦAL LUQA – ŻIEDA TA' SPAZJI MIFTUĦA**

**645. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid xi ħsieb hemm biex jiżdiedu l-ispazji miftuħa f'Ħal Luqa? Jista' l-Ministru jagħti dettalji dwar dan?

19/05/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa applika għal permess ta' żvilupp sabiex isir ġnien ġdid fiż-żona ta' Ħal Farruġ, skont DN/0132/22.
Barra minn hekk, il-Kunsill Lokali ffirma MoU flimkien ma' Ambjent Malta sabiex isir żvilupp ta' art mitluqa fiż-żona ta' Ħal Farruġ.

Iktar minn dan kollu, il-Kunsill Lokali jinsab f'diskussjonijiet mal-Awtorità tad-Djar, sabiex parti minn art fi Triq il-Ġdida tiġi devoluta lill-Kunsill Lokali bil-għan li jsir green infrastructure sabiex il-familji ta' Ħal Luqa jkollhom spazju fil-qalba tal-lokalità.

Seduta 16
13/06/2022

**REGOLAMENT NUMRU 26 TAL-L.S. 623.06 (AL136/2019 KIF AMENDAT) – DIKJARAZZJONIJIET**

**797. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi dikjarazzjonijiet li x-xogħol ma kienx ser jaffetwa terzi hekk kif definit taħt ir-regolament numru 26 tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif amendat)?

24/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 786.

Seduta 16
13/06/2022

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI - STO**

**798. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi talbiet lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni biex ikun hemm eżenzjoni milli jiġi ingaġġat STO biex jissorvelja x-xogħol (skont Form 25B) hekk kif definit fil-'provis' ta' regolament numru 25 tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif amendat)?

24/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 786.

Seduta 16
13/06/2022

**AWTORITÀ TAL-BINI U L-KOSTRUZZJONI – NOTIFIKI SOTTOMESSI GĦAL XOGĦLIJIET TA' EMERĠENZA**

**799. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid, xahar b'xahar minn Jannar 2021 sakemm tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, kemm ġew sottomessi notifiki lill-Awtorità tal-Bini u l-Kostruzzjoni biex isiru xogħlijiet ta' emerġenza (skont Form 25C) hekk kif definit fil-'provis' ta' regolament numru 25 tal-L.S. 623.06 (AL136/2019 kif amendat)?

24/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija parlamentari numru 786.

Seduta 16
13/06/2022

**KORSIJIET TA' VETERINARJI**

**800. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Peress li jinħass in-nuqqas ta' veterinarji f'pajjiżna speċjalment għall-bżonnijiet li jkollhom minn żmien għall-ieħor ir-raħħala, jista' l-Ministru jara li anke jekk dawn mhux finanzjarjament vjabbli li jsiru f'pajjiżna, il-Gvern jikkontribwixxi finanzjarjament biex l-Università ta' Malta tibda tagħmel dawn il-korsijiet ta' veterinarji hawn Malta?

24/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi huwa diffiċli li jiġu organizzati korsijietta' veterinarji f'Malta, dan minħabba l-istrutturi li hawn bżonn u nuqqas ta' għalliema speċjalizzati. Għal din ir-raġuni il-gvern joħroġ 'scholarships' biex l-istudenti li jixtiequ jsiru veterinarji jkunu jistgħu jistudjaw f'Universitajiet barra mill-pajjiż.

Seduta 16
13/06/2022

**ART BARRA Ż-ŻONI TA' ŻVILUPP LI HI PROPRJETÀ TAL-GVERN**

**801. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hawnx katast ta' art barra ż-żoni ta' żvilupp li hi proprjetà tal-Gvern li mhux okkupata? Jista' jara li fejn din l-art hija art agrikola tingħata bi prezz baxx lill-bdiewa żgħażagħ full-time għal użu agrikolu?

24/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-Mistoqsija Parlamentari lill-Ministru responsabbli mill-Awtorità tal-Artijiet.

Seduta 16
13/06/2022

**ART BARRA Ż-ŻONA TAL-IŻVILUPP LI MHUX PROTETTA PERò MHUX ART AGRIKOLA – GĦAJNUNA MILL-GVERN**

**802. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jikkunsidra li fejn hawn art barra ż-żona tal-iżvilupp li mhux protetta però mhux art agrikola, tingħata l-għajnuna neċessarja mill-Gvern biex din tiġi trasformata f'art agrikola diment li din tibda tinħadem minn bdiewa u raħħala li jaqilgħu x'jieklu minn dan is-settur? Dan anke biex tissaħħaħ il-provvista ta' prodotti tal-ikel lokali kif ukoll għalf għall-annimali tar-raħħala tagħna?

24/05/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hekk kif ħabbar fil-Manifest Elettorali, il-Gvern ser ikun qed iwettaq diversi miżuri sabiex jinċentiva l-ħidma tal-art mill-bdiewa u għalhekk tissaħħaħ il-provvista ta' prodotti tal-ikel lokali kif ukoll għalf għall-annimali.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**1004. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li ninformah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onor. Interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kawża tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.
Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**1005. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Filwaqt li ninfurmah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onor. Interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kawża tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.
Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**1006. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Filwaqt li ninformah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onor. Interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kawża tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.

Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 16
13/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - TAĦRIĠ LILL-ĦADDIEMA FIL-KURA TA' SAĦĦA MENTALI**

**1007. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jingħata taħriġ fuq il-Kura fis-Saħħa Mentali, magħruf bħala Mental Health First Aid, lill-ħaddiema li jaħdmu fid-dipartiment tiegħu?

26/05/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Filwaqt li ninformah li t-taħriġ relatat hu mifrux u disponibbli fuq is-Servizz Pubbliku kollu u mhux xi dipartiment singolari tal-Gvern, l-Onor. Interpellant għandu jkun mgħarraf ukoll li sa mill-2017 diġà ġew imħarrġin 260 uffiċjal pubbliku fil-Mental First Aid, f'kors li hu akkreditat mir-Richmond Foundation. Taħriġ simili sar kull sena, bl-eċċezzjoni tal-2020 kawża tar-restrizzjonijiet tal-COVID-19. Fil-fatt diġà hu ppjanat ukoll li f'Ottubru li ġej isir it-taħriġ lil 80 uffiċjal ieħor.
Minbarra hekk, tajjeb li jingħad ukoll li fis-Servizz Pubbliku tingħata importanza kbira lill-Employee Support Programme fejn uffiċjali jistgħu jirrikorru f'każ ta' diffikultà ulterjuri.

Seduta 16
13/06/2022

**SKEJJEL TAL-ISTAT - TAĦRIĠ LILL-GĦALLIEMA FUQ MENTAL FIRST AID**

**1008. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed isir taħriġ tal-Mental Health First Aid lill-għalliema fl-iskejjel tal-istat?

26/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba li ngħatat għall-mistoqsija numru 1004, ngħarrfu wkoll li t-taħriġ dwar il-mental first aid fost l-edukaturi fl-iskejjel tal-istat huwa wieħed kontinwu.

Seduta 16
13/06/2022

**POSTIJIET TA' AKKOMODAZZJONI SOĊJALI LIL RICHMOND FOUNDATION**

**1009. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed jiġu allokati postijiet ta' akkomodazzjoni soċjali lir-Richmond Foundation biex jintużaw mill-klijenti tagħhom? Jekk iva, jista' jgħid kemm ingħataw postijiet kull sena bejn l-2013 u l-2022?

26/05/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li bejn Jannar 2013 u Mejju 2022 l-Awtorità tad-Djar allokat 2 postijiet ta' akkomodazzjoni soċjali fis-sena 2015 u ieħor fis-sena 2019 lir-Richmond Foundation biex jintużaw mill-klijenti tagħha, liema kuntratti għadhom kollha attivi.

Seduta 16
13/06/2022

**PERSUNI LI GĦADDEW MILL-EŻAMIJIET GĦAL PRINCIPAL U UFFIĊJAL EŻEKUTTIV**

**1092. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk dawk li għaddew mill-eżamijiet għall-Principal u Uffiċjal Eżekuttiv li saru s-sena li għaddiet, u ċjoè fl-

2021, u li ma kinux ħaddiema taċ-Ċivil, diġà ngħatawx post – u dan filwaqt li hemm ħaddiema taċ-Ċivil li ġabu aktar marki minnhom u għadhom jistennew?

30/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 1087.

Seduta 16
13/06/2022

**BELT VALLETTA - PARKING SPOTS**

**1093. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm parking spots fil-Belt Valletta li qed isir użu minnhom mill-Gvern, Ministeri u awtoritajiet statutorji, inklużi organizzazzjonijiet parastatali?

30/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari 821 ta' t-13-il Leġiżlatura.

Seduta 16
13/06/2022

**KUNSILL LOKALI TA' SANTA VENERA - PARKEĠĠ TA' UMBERTO COLOSSO**

**1094. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Kunsill Lokali ta' Santa Venera għamilx tentattiv sabiex il-parkeġġ ta' Umberto Colosso ikun jista' jibda jintuża mir-residenti wara l-ħinijiet tal-użu mill-Gvern? Jekk iva, x'kienet ir-risposta tal-Gvern?

30/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**PORT IL-KBIR – CRUISE LINERS**

**1095. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il cruise liner daħal fil-Port il-Kbir f'dawn l-aħħar ħames snin, b'rendikont separat għal kull sena?

30/05/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt:

| Year | Cruise Ship Calls |
|---|---|
| 2017 | 329 |
| 2018 | 293 |
| 2019 | 335 |
| 2020 | 33 |

| | |
|---|---|
| 2021 | 105 |
| 2022 | 80 (until 31st May) |
| **Total** | **1175** |

Seduta 16
13/06/2022

**KEJL TAL-KWALITÀ TAL-ARJA F'KULL LOKALITÀ**

**1096. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tipprovdi l-iktar qari reċenti tal-kejl tal-kwalità tal-arja għal kull lokalità f'Malta u Għawdex, u meta ttieħed?

30/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 16
13/06/2022

**CABLES TAD-DAWL U TELEFOWN TAĦT L-ART**

**1097. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern għandux pjan li l-cables kollha tad-dawl u tat-telefon isiru taħt l-art? Jekk iva, sa meta hu ppjanat li jsir?

30/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tul is-snin intużat il-prassi li l-linji tad-distribuzzjoni tal-elettriku kif ukoll dawn tat-telefonija u l-Internet, jgħaddu minn mal-faċċata tal-bini.

Fl-aħħar snin l-Enemalta wettqet proġetti pilota f'lokalitajiet bħall-Mdina u Ħad-Dingli. Iżda mhux dejjem possibbli li cables jgħaddu minn taħt l-art.

F'każijiet fejn is-sid jew l-iżviluppatur jipprovdi culvert, per eżempju fi żvilupp ta' bini ta' ċertu daqs, l-Enemalta tgħaddi s-servizzi tagħha minn ġol culvert minflok mal-faċċata.

Rigward servizzi ta' kumpaniji oħra, tajjeb li wieħed jikkuntattja lill-operaturi konċernati.

Seduta 16
13/06/2022

**NEFQA FIL-FLUS FUQ GAMBLING**

**1150. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 730 jista' l-Ministru jindika kemm intefqu flus fil-gambling matul is-sena 2020 u s-sena l-oħra?

31/05/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar u t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 16
13/06/2022

**ĦAL TARXIEN – FAĊILITAJIET BANKARJI**

**1200. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-problema li numru ta' residenti u persuni fin-negozju Tarxiniżi qed jiffaċċjaw għax m'għandhomx faċilitajiet bankarji ta' xejn, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk sarux rappreżentazzjonijiet mill-Ministeru ma' entitajiet bankarji dwar dan sabiex ikun hemm dan is-servizz?

01/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**ĦAL TARXIEN – FAĊILITAJIET BANKARJI**

**1201. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għall-problema li numru ta' residenti anzjani Tarxiniżi qed jiffaċċjaw għax m'għandhomx faċilitajiet bankarji ta' xejn, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra jekk sarux rappreżentazzjonijiet mill-Ministeru ma' entitajiet bankarji dwar dan sabiex ikun hemm dan is-servizz?

01/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Bħall-Onor. Interpellant, il-Ministeru għall-Anzjanità Attiva hu konxju mis-sitwazzjoni. Għalkemm m'għandux kontroll fuqha, il-Ministeru, permezz tal-Active Ageing and Community Care, joffri wkoll l-alternattiva bis-servizz komdu u affidabbli tas-Silver-T lil anzjani minn Ħal Tarxien biex ikunu jistgħu jmorru jinqdew minn Raħal Ġdid, fejn hemm fergħat tal-banek kummerċjali.

Seduta 16
13/06/2022

**OPM – EŻAMI TAL-EOS**

**1202. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: B'referenza għall-eżami tal-Executive Officer (EO) li r-riżultati tiegħu ħareġ f'Settembru, 2021, jista' l-Prim Ministru jinforma lill-Kamra kemm persuni għaddew mill-eżami; kemm minn dawn kienu ħaddiema diġà taċ-Ċivil; kemm għaddew minn barra s-servizz kif ukoll kemm m'għaddewx?

Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm-il-persuna minn dawk li għaddew mill-eżami bagħtu għaliha u jekk dawn bagħtux għalihom strettament fl-ordni tal-mertu li għaddew u jekk le, għaliex? Xi kriterji ntużaw biex jiġu assenjati fid-dipartimenti rispettivi u għalhekk jistax jindika kemm hemm persuni minn barra li diġà ġew assenjati fil-post u kemm hemm persuni jaħdmu maċ-Ċivil li diġà ntbagħtu fejn talbu li jiġu hekk assenjati? Kemm hemm persuni miċ-Ċivil li xtaqu jibqgħu fejn kienu u kemm hemm li għadhom mhux assenjati? Jista' jgħid ukoll jekk hemmx xi raġuni partikolari li qed ikun ta' impediment sabiex jiġu assenjati l-EOs kollha fil-postijiet tagħhom?

01/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari nru 1087.

Seduta 16
13/06/2022

**RAĦAL ĠDID – LIBRERIJA PUBBLIKA**

**1203. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra bil-ħinijiet pubbliċi għal-librerija pubblika f'Raħal Ġdid? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm ingħataw kotba u kemm inxtraw kotba ġodda s'issa matul din is-sena?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lilll-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Ħinijiet ta' ftuħ - Xitwa | Ħinijiet ta' ftuħ - Sajf | Kotba mixtrija | Donazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| Raħal Ġdid | Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:<br>08:30 – 17:00<br>Is-Sibt:<br>08:00 – 13:00 | Mit-Tnejn sal-Ġimgħa:<br>08:15 – 13:15<br>Is-Sibt:<br>08:00 – 13:00 | 63 | 75 |

Seduta 16
13/06/2022

**FGURA – LIBRERIJA PUBBLIKA**

**1204. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra bil-ħinijiet pubbliċi għal-librerija pubblika fil-Fgura? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm ingħataw kotba u kemm inxtraw kotba ġodda s'issa matul din is-sena?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Ħinijiet ta' ftuħ - Xitwa | Ħinijiet ta' ftuħ - Sajf | Kotba mixtrija | Donazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| Fgura | It-Tnejn:<br>15:00 – 17:00<br>It-Tlieta:<br>08:30 – 11:30<br>L-Erbgħa:<br>08:30 – 11:30;<br>16:00 – 18:00<br>Il-Ħamis:<br>08:30 – 11:30;<br>14:15 – 16:15<br>Il-Ġimgħa:<br>09:30 – 11:30<br>Is-Sibt:<br>09:00 – 12:00 | It-Tnejn:<br>16:00 – 18:00<br>It-Tlieta:<br>08:30 – 11:30<br>l-Erbgħa:<br>08:30 – 11:30;<br>16:00 – 18:00<br>Il-Ħamis:<br>08:30 – 11:30;<br>16:00 – 18:00<br>Il-Ġimgħa:<br>09:30 – 11:30<br>Is-Sibt:<br>09:00 – 12:00 | 153 | 123 |

Seduta 16
13/06/2022

**SANTA LUĊIJA - LIBRERIJA PUBBLIKA**

**1205. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra bil-ħinijiet pubbliċi għal-librerija pubblika f'Sta. Luċija? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra kemm ingħataw kotba u kemm inxtraw kotba ġodda s'issa matul din is-sena?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt:

| Lokalità | Ħinijiet ta' ftuħ - Xitwa | Ħinijiet ta' ftuħ - Sajf | Kotba mixtrija | Donazzjonijiet |
|---|---|---|---|---|
| Sta Lucija | It-Tnejn:<br>08:00 – 12:00<br>L-Erbgħa:<br>16:00 – 18:00 | It-Tnejn:<br>08:00 – 12:00<br>L-Erbgħa:<br>16:00 – 18:00 | 73 | 33 |

Seduta 16
13/06/2022

**BIRGU – XOGĦOL FIT-TOROQ U FIL-PJAZZA**

**1282. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhuma l-pjanijiet għal xogħol fit-toroq u l-Pjazza tal-Birgu għaż-żmien li ġej?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta bniet mill-ġdid u għamlet titjib f'aktar minn 830 toroq residenzjali u rurali minn kemm ilha li twaqqfet fis-sajf tas-sena 2018, li jfisser li lestiet medja ta' aktar minn erba' toroq fil-ġimgħa f'dawn l-aħħar snin.
L-aġenzija tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li lestiet fost l-ikbar proġetti ta' toroq arterjaliu faċilitajiet marittimi f'pajjiżna, bħal Marsa Junction Project u l-Breakwater tal-Qrejten, f'Marsaxlokk, filwaqt li baqgħet għaddejja bi programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.
Bħalissa Infrastructure Malta għaddejja bi proġett b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għat-Turiżmu sabiex tibni mill-ġdid u ssebbaħ il-Pjazza tar-Rebħa, il-pjazza ewlenija tal-Birgu, flimkien mat-toroq storiċi li jwasslu għaliha, fosthom Triq La Vallette, Triq il-Palazz l-Antik tal-Gvernatur, Triq il-Miratur u Triq San Filippu. Uħud minn dawn it-toroq diġà lesti filwaqt li x-xogħol fl-oħrajn ser jibda fiż-żmien li ġej. Ix-xogħol f'dawn it-toroq qed jiġi kkordinat f'konsultazzjoni kontinwa mal-Kunsill Lokali Birgu, li għen fl-ipprogrammar tax-xogħol sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun l-inkonvenjent għar-residenti u għal dawk li jżuru din il-belt.
Meta tlesti dawn l-erba' toroq, Infrastructure Malta mbagħad ser tibni mill-ġdid il-Pjazza nnifisha, b'servizzi tad-distribuzzjoni, bħal katusi tal-ilma ġodda taħt l-art, u pedamenti aktar b'saħħithom sabiex fuqhom imbagħad il-Ministeru għat-Turiżmu se jqiegħed pavimentar dekorattiv ġdid, fuq disinn tal-istess Ministeru.
Dan l-investiment biex titjieb il-kwalità tat-toroq se jissokta fis-snin li ġejjin bil-bini mill-ġdid ta' aktar toroq fil-lokalitajiet madwar Malta biex nagħtu ambjent isbaħ u kwalità ta' ħajja aħjar lill-familji fil-lokalitajiet kollha f'pajjiżna.

Seduta 16
13/06/2022

**KOTTONERA – ĠNIEN KOTTONER**

**1283. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx xi pjanijiet sabiex l-akbar żona mħaddra fil-Kottonera, ċjoè Ġnien Kottoner, tkun tista' tinbidel u titgawda minn aktar familji?

01/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li Parks Malta bdew it-tħejjijiet sabiex fiż-żmien li ġej jiġi riġenerat Ġnien il-Kottonera. Fil-fatt, id-Diviżjoni msemmija ngħatat it-titlu tal-art u, wara konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Bormla, ġie maqbul li f'din iż-żona jkun hemm spazju rikreattiv b'faċilitajiet sportivi varji.

Is-sit se jiddawwar bi lqugħ għal sigurtà ikbar u, filwaqt li f'parti minnu se tiġi żviluppata picnic area, il-parti l-oħra se tkun mgħammra b'diversi faċilitajiet għall-eżerċizzju fiżiku. Fid-disinn ġiet inkluża wkoll trakka tar-roti. Dawn l-iżviluppi se jkunu qed isiru b'attenzjoni biex jinżamm l-istat naturali tal-ġnien u titħares ukoll il-bijodiversità eżistenti. Ix-xogħlijiet se jinqasmu f'fażijiet differenti u l-proġett għandu jitlesta sal-2024.

Seduta 16
13/06/2022

**KOTTONERA – MUŻEWIJIET U POSTIJIET TA' INTERESS MIFTUĦIN GĦAT-TURISTI**

**1284. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid liema huma l-mużewijiet u postijiet ta' interess fil-Kottonera li huma miftuħin għat-turisti? Jista' jgħid jekk għandux data ta' kemm turisti żaru dawn il-postijiet separatament sena b'sena f'dawn l-aħħar ħames snin?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni tinsab fit-tabella t'hawn taħt.

Il-Mużew Marittimu kien miftuħ għall-pubbliku sal-14 ta' Marzu 2020, fejn imbagħad is-sit ġie magħluq biex jibda l-proġett ta' restawr u riġenerazzjoni li għadu għaddej.

| **PAYING ADMISSIONS** | | | |
|---|---|---|---|
| YEAR | FORT ST. ANGELO | MARITIME MUSEUM | INQUISITOR'S PALACE |
| 2017 | 49876 | 21781 | 38897 |
| 2018 | 54313 | 22453 | 41310 |
| 2019 | 58351 | 21459 | 38626 |
| 2020 | 11729 | 3186 | 7057 |
| 2021 | 22575 | 0 | 14776 |
| 2022 | 18504 | 0 | 10762 |
| | | | |
| | | | |
| **NON PAYING ADMISSIONS** | | | |
| YEAR | FORT ST. ANGELO | MARITIME MUSEUM | INQUISITOR'S PALACE |
| 2017 | 5329 | 5518 | 3060 |
| 2018 | 5894 | 3637 | 9253 |
| 2019 | 15771 | 4296 | 7349 |
| 2020 | 2423 | 262 | 1372 |
| 2021 | 2438 | 0 | 1875 |
| 2022 | 1863 | 0 | 1604 |
| | | | |
| | | | |
| **Kindly note that data for 2022 is as at 31st May 2022.** | | | |

Seduta 16
13/06/2022

**KOTTONERA – XOGĦLIJIET F'ŻONI TURISTIĊI**

**1285. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx pjanijiet ta' xogħol fl-area tal-Kottonera mill-Fondazzjoni għal żoni turistiċi għas-sentejn li ġejjin?

01/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Fondazzjoni għaż-Żoni Turistiċi (FTZD) tinsab f'kuntatt mal-Kunsilli Lokali fl-inħawi tal-Kottonera biex jiġi stabbilit x'xogħlijiet ta' tiswija u manutenzjoni huma meħtieġa.
Intant, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu qiegħda tgħin lill-Kunsill Lokali tal-Birgu fir-restawr li qed isir fil-Berġa ta' Franza u fi proġett ta' riġenerazzjoni tal-Pjazza prinċipali tal-Birgu.

Seduta 16
13/06/2022

**KOTTONERA – XOGĦLIJIET MID-DIRETTORAT GĦAR-RESTAWR**

**1286. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid u jelenka x-xogħlijiet li hemm programmati għas-sentejn li ġejjin mid-Direttorat għar-Restawr fiż-żona tal-Kottonera?

01/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li x-xogħlijiet li hemm programmati għas-sentejn li ġejjin mid-Direttorat għar-Restawr fiż-żona tal-Kottonera huma elenkati fis-segwenti lista.

Seduta 16
13/06/2022

**XOGĦLIJIET PROGRAMMATI GĦAS-SENTEJN LI ĠEJJIN MID-DIRETTORAT TAR-RESTAWR FIŻ-ŻONA TAL-KOTTONERA**

·Bormla: Restawr tas-Sur u d-Daħla ta' San Ġwann (Linji tal-Kottonera)
·Birgu: Restawr tal-Bastjun ta' Notre Dame Bastion (Linji tal-Kottonera)
·Bormla: Restawr tas-Sur u l-Bastjun ta' San Nikola (Linji tal-Kottonera)
·Senglea: Restawr tas-Sur fi Triq is-Sur (contract awarded)
·Birgu: Restawr ta' partijiet mill-Bieb ta' Notre Dame
·Forti Rikażli: Restawr u rikostruzzjoni tal-faċċati tal-volti ġewwa s-sur li jħares fuq il-Port il-Kbir
·Forti Rikażli: il-Fire Control Tower u Gun Position f'Bastjun Nru. 4
·Birgu: Restawr tal-faċċata tal-Berġa tal-Ingilterra
· Bormla: Restawr tad-Daħla u s-Sur ta' Santa Liena (Linji ta' Santa Margherita)
· Bormla: Restawr tal-Mitħna ta' San Gwann t'Għuxa
· Bormla: Restawr tal-Koppla tal-Knisja ta' San Pawl
· Bormla: Restawr tal-Kappella ta' Santa Tereża
· Bormla: Restawr tal-Faċċata tal-Knisja tas-Sorjiet tal-Klawsura
· Bormla: Restawr tal-Knisja tan-Nativitá li hemm taħt l-art fi Triq l-Inkurunazzjoni
· Senglea: Restawr ta' statwi u niċeċ fil-lokalitá.

Seduta 16
13/06/2022

**KOTTONERA – XOGĦLIJIET MILL-GHRC**

**1287. L-ONOR. CHRIS AGIUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid u jelenka x-xogħlijiet li hemm programmati għas-sentejn li ġejjin mill-Grand Harbour Regeneration Corporation (GHRC) fiż-żona tal-Kottonera?

01/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**MOSTA: TRIQ IL-KBIRA – XOGĦLIJIET TA' KOSTRUZZJONI TA' CULVERTS**

**1290. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid min ta l-aħħar ordnijiet tax-xogħlijiet ġodda (tal-kostruzzjoni tal-culverts) fi Triq il-Kbira, il-Mosta?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li Infrastructure Malta qed tlesti l-bini mill-ġdid ta' Triq il-Kbira li testendi kilometru minn Ta' Qali sal-pjazza tal-Mosta.
L-ewwel nofs tal-bini mill-ġdid ta' din it-triq tlesta f'Marzu 2021 u x-xogħlijiet fit-tieni nofs bdew immedjatament wara. Minħabba li kien ilha għexieren ta' snin ma tinbena mill-ġdid, it-triq kellha ħsarat estensivi fil-wiċċ tagħha u l-bankini, filwaqt li kellhom jinbidlu s-sistemi tas-servizzi taħt l-art, inkluż il-katusi tad-drenaġġ u l-pajpijiet tal-ilma. Fil-fatt, Infrastructure Malta poġġiet aktar minn erba' kilometri ta' sistemi ġodda taħt l-art, u għad-drenaġġ kellhom jitħaffru trinek żewġ sulari fond taħt il-wiċċ tat-triq. L-aġenzija introduċiet ukoll sistema estensiva ġdida għall-ġbir tal-ilma tax-xita li għaliha wkoll ġew mgħoddijin katusi kbar taħt l-art. Peress li din it-triq hija dejqa, dawn is-servizzi ġodda kollha taħt l-art kellhom jiġu installati b'mod delikat ħdejn jew fuq xulxin, mingħajr ma jfixklu s-sistemi l-qodma li baqgħu jintużaw biex jagħtu servizzlill-binjiet taż-żona sakemm is-sistemi ġodda tpoġġew f'posthom.
Bħalma jaf kulħadd, skont il-liġi, sabiex isiru xogħlijiet f'toroq eżistenti jew skemati bħalma hi Triqil-Kbira, jeħtieġ li jinkisbu permessi għal xogħlijiet fit-toroq minn Transport Malta u mhux permessi tal-iżvilupp mingħand l-Awtorità tal-Ippjanar. Meta x-xogħlijiet meħtieġa fl-istess triq jinbidlu jew jiġu estiżi, il-permess tax-xogħlijiet jiġi estiż ukoll, skont il-ħtieġa. Sabiex ikunu eliġibbli biex japplikaw għall-permessi ta' xogħlijiet fit-toroq mingħand Transport Malta, skont il-liġi applikabbli l-kuntratturi jeħtieġ li jkunu koperti b'garanziji bankarji u poloz t'assigurazzjoni għal danni ġustifikati li jistgħu jiġu kkawzati mill-istess xogħol konċernat. . Qed inqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-permess għax-xogħlijiet ta' Triq il-Kbira.
Ir-residenti u n-negozji ta' din it-triq ser igawdu minn infrastruttura aħjar għal ħafna snin li ġejjin, kif ukoll titjib fil-proviżjoni tas-servizzi li jservu l-istess triq, u li l-pajpijiet u cables tad-distribuzzjoni tagħhom qed jinbidlu u jissaħħu permezz ta' dan il-proġett.

Ix-xogħlijiet kollha oriġinarjament ippjanati minn Infrastructure Malta biex tinbena mill-ġdid din it-triq kienu skedati li jkunu lesti sal-aħħar ta' Mejju. Fil-fatt, l-aġenzija lestiet tista' tgħid ix-xogħlijiet kollha tagħha ħlief it-tqegħid finali tal-asfalt fl-aħħar parti tat-triq.
Madankollu, fl-aħħar xhur, il-Kunsill Lokali tal-Mosta ordna diversi xogħlijiet addizzjonali f'din l-aħħar parti tat-triq, l-eqreb tal-pjazza. Dawn jinkludu culverts taħt il-bankini biex il-wires li hemm mal-faċċati tad-djar jitnizzlu taħt l-art, kif ukoll pavimentar bil-ġebla tal-qawwi għall-bankini l-ġodda. Permezz ta' dan ix-xogħol addizzjonali, it-triq ser tkompli tieħu dehra aħjar, b'ambjent isbaħ għal dawk kollha li jgħixu fiha jew jivvjaġġaw minnha b'mezzi differenti.
Infrastructure Malta se tlesti l-bini mill-ġdid tat-triq bl-aħħar xogħlijiet tal-asfalt hekk kif ix-xogħlijiet addizzjonali ordnati mill-Kunsill Lokali jkunu lesti lejn l-aħħar tas-sajf. Ix-xogħlijiet tal-asfalt kellhom jiġu posposti biex il-wiċċ il-ġdid tat-triq ma ssirlux ħsara bix-xogħlijiet li ġew miżjuda.

Seduta 16
13/06/2022

**MOSTA: TRIQ IL-KBIRA – PERMESSS GĦAX-XOGĦLIJIET U U TIBDIL INFRASTRUTTURALI**

**1291. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-permess għax-xogħlijiet oriġinali u l-permess tat-tibdil infrastrutturali li ġie deċiż dan l-aħħar u l-proġett ta' Triq il-Kbira, fil-Mosta?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 1290.

Seduta 16
13/06/2022

**MOSTA: TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**1292. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma u jgħid jekk sarx il-permess ġdid mill-Awtorità tal-Ippjanar, pre-works survey mill-perit tal-kuntrattur ta' kull proprjetà fit-triq, commencement notice mal-Building and Construction Authority (BCA), method statement ta' kif se jsiru x-xogħlijiet, geotechnical survey jew dikjarazzjoni mill-Perit responsabbli li m'hemmx bżonn geotechnical survey biex b'hekkjinżamm responsabbli għal danni lejn terzi fi Triq il-Kbira, Mosta?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 1290.

Seduta 16
13/06/2022

**MOSTA: TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**1293. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jikkonferma li:
(i) ix-xogħlijiet fi Triq il-Kbira, il-Mosta huma koperti mill-assikurazzjoni reputabbli tal-kuntrattur flimkien ma' Infrastructure Malta; u
(ii) li l-ħsarat kollha li saru u li jistgħu jsiru/joħorġu minħabba dawn ix-xogħlijiet se jkunu koperti?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 1290.

Seduta 16
13/06/2022

**MOSTA: TRIQ IL-KBIRA - XOGĦLIJIET**

**1294. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra (jekk dejjem hemm) garanzija għal xogħlijiet fi Triq il-Kbira, il-Mosta, liema garanzija li ma ssirx ħsara fuq binjiet residenzjali, bħalma r-residenti jagħmlu garanzija lill-kunsill, meta jġibu high-up, li ma ssirx ħsara fuq bankini?

01/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-Mistoqsija Parlamentari Nru 1290.

Seduta 16
13/06/2022

**KUNSILL GĦALL-ANZJANI LI JGĦID LILL-KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI - KOMPOŻIZZJONI**

**1300. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid minn min hu kompost il-Kunsill għall-Anzjani li jgħin lill-Kummissarju għall-Anzjani? Jista' jgħid jekk apparti ċ-Chairperson u sitt membri oħra maħtura skont il-liġi, ġewx maħtura aktar membri mill-Kunsill? Jekk inhu l-każ, jista' jgħid min huma dawn il-membri?

01/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li t-tweġiba se tingħata f'seduta oħra.

Seduta 16
13/06/2022

**KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI – ILMENTI**

**1301. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm irċieva lmenti l-Kummissarju għall-Anzjani fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021, u fis-sena 2022 sal-lum, sena b'sena? Jista' jgħid kemm minn dawn l-ilmenti ġew investigati u kemm minn dawn l-ilmenti kienu ġġustifikati?

01/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. Ninsab infurmat li bħala Kummissarju kull talba għal parir jew gwida u kull każ ta' lment ġie indirizzat mill- Kummissarju.Każijiet ta' talba għal parir minn anzjani, ħafna drabi b'telefonata li jkunu jistgħu jiġu indirizzati dak il-ħin, jingħata mill Kummissarju. F'kull każ ta' lment, il-Kummissarju tgħarbel sewwa l-każ u titkellem mal persuni konċernati u mbagħad taħdem flimkien ma' entitajiet oħra li jkun fil- parametri tagħhom li jinvestigaw skont il-bżonn.

Seduta 16
13/06/2022

**KUMMISSARJU GĦALL-ANZJANI – INVESTIGAZZJONIJIET**

**1302. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il investigazzjoni għamel il-Kummissarju għall-Anzjani fuq inizjattiva tal-Kummissarju nnifsu fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021, u fis-sena 2022 sal-lum, sena b'sena? Jista' jgħid x'kienu jittrattaw dawn l-investigazzjonijiet, xi rriżulta u x'kienu r-rakkomondazzjonijiet li saru min-naħa tiegħu?

01/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma kien hemm l-ebda investigazzjoni li għamlet il-Kummissarju għall-Anzjani fuq inizjattiva tal-Kummissarju nnifsha fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021, u fis-sena 2022 sal-lum.

Seduta 16
13/06/2022

**SPEED CAMERAS**

**1312. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm hawn speed cameras madwar Malta u Għawdex? Liema minn dawn l-ispeed cameras għandhom limitu ta' sewqan li hu inqas min-national speed limit (ta' 80 km/siegħa)? F'kull każ, għal kull waħda minn dawn il-cameras li għandhom speed limit inqas mill-ispeed limit, kif ġie stabbilit l-ispeed limit f'dak il-post partikolari u b'liema avviż legali ġie stabbilit (jekk ġie stabbilit) dan l-istess speed limit? Jekk dan l-ispeed limit ma ġiex stabbilit permezz ta' avviż legali, a bażi ta' x'hiex qed jiġu nfurzati tali speed limits?

02/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-lista ta' Speed Cameras madwar Malta u Għawdex qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. L-ispeed limit ta' kull camera huwa muri fl-istess lista u f'kull każ dan ġie stabbilit wara studji li saru skont linji gwida fi ħdan l-Awtorità għat-Trasport skont is-setgħat mogħtija lill-istess Awtorità u regolati mill-Kap. 499 u l-Kap. 65.

Seduta 16
13/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR: XEMXIJA – MISTRA VILLAGE – SIT ABBANDUNAT**

**1313. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ttieħdet mill-Awtorità tal-Ippjanar fuq is-sit abbandunat fiż-żona ta' fejn qabel kien il-Mistra Village fix-Xemxija, San Pawl il-Baħar? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex dan is-sit ma jibqax wieħed ta' abbandun u ma jkunx wieħed ta' periklu?

02/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorita' tal-Ippjanar diġa' ħadet azzjoni fuq dan is-sit abbandunat billi inħareġ avviż ta' infurzar EC389/16 – "Ġie żarmat is-sit imsemmi u tħalla fi stat ta' abbandun". Dan l-avviż ta infurzar huwa wkoll suġġett għal Appell bir-referenza 240/16 li għadu wkoll pendenti l-ezitu tal-appell.

Seduta 16
13/06/2022

**MARSASCALA – TRIQ IL-QALIET – LIMITU TA' VELOĊITÀ**

**1346. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jindika kemm huwa l-limitu ta' veloċitàfi Triq il-Qaliet, Marsaskala?

02/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata seduta oħra.

Seduta 16
13/06/2022

**KUNSILL LOKALI TAT-TIELET DISTRETT – PROĠETTI U INIZJATTIVI FAVUR L-ANZJANI**

**1347. L-ONOR. CARMELO ABELA** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika xi proġetti u inizjattivi twettqu favur l-anzjani mill-kunsilli lokali tat-Tielet Distrett fl-2021 u fl-2022?

02/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni mitluba tinġabar.

Seduta 16
13/06/2022

**ADOZZJONI - KOPPJI JEW INDIVIDWI APPROVATI BĦALA ĠENITURI ADDOTTIVI PROSPETTIVI**

**1353. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 905, jista' l-Ministru jgħid fil-preżent kemm hawn koppji jew individwi Maltin u Għawdxin li ġew approvati bħala Ġenituri Addottivi Prospettivi (PAPs) mill-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali (SCSA) u li għadhom qed jistennew biex jaddottaw?

03/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn informazzjoni mogħtija lil l-Awtorità Ċentrali, fi ħdan l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali, mill-aġenziji akkreditati għal adozzjoni, bħalissa hemm 117-il ġenitur addottivi prospettivi li qed jistennew biex ikunu referred (li huma ddikjarati li jistgħu jaddottaw u qed jistennew biex ikunu matched ma' tifel jew tifla), filwaqt li 45 ġenituri addottivi prospettivi oħra li huma matched (qed jistennew id-digriet mill-Qorti).

Seduta 16
13/06/2022

**ADOZZJONI - PAJJIŻI FEJN HU PERMESS LI SSIR ADOZZJONI**

**1354. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 904, jista' l-Ministru jgħid fil-preżent liema huma l-pajjiżi minn fejn qed ikun permess li jsiru adozzjonijiet ta' tfal?

03/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn informazzjoni mogħtija lill-Awtorità Ċentrali, fi ħdan l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali, mill-aġenziji akkreditati għal adozzjoni, preżentament hemm 11-il pajjiż minn fejn qed ikun permess li jsiru adozzjonijiet tat-tfal.

1. Bulgarija
2. Chile
3. Kolombja
4. Indja
5. Poland
6. Rumanija
7. Thailand
8. Albanija
9. Slovakja
10. Portugal
11. Vjetnam

Seduta 16
13/06/2022

**ADOZZJONI - TFAL MINN MALTA**

**1355. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari numru 903, jista' l-Ministru jgħid kemm ġew addottati tfal minn pajjiżna minn koppji jew individwi Maltin u Għawdxin bejn is-sena 2017 sal-lum, sena b'sena?

03/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn informazzjoni mogħtija lill-Awtorità Ċentrali, fi ħdan l-Awtorità ta' Standards ta' Ħarsien Soċjali, mill-aġenziji akkreditati għal adozzjoni kien hemm 9 adozzjoni lokali. L-informazzjoni sena b'sena ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 16
13/06/2022

**DIRETTIVA (UE) 2020/1828**

**1359. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid x'miżuri ttieħdu s'issa fir-rigward tat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) Nru 2020/1828? Peress li d-Direttiva fl-anness tagħha tinkludi diversi normi tal-UE li jirrelataw ma' liġijiet

amministrattivi minn diversi entitajiet pubbliċi, ittieħdu xi miżuri biex il-proċess effettiv tat-traspożizzjoni tad-Direttiva jiġi faċilitat f'dan ir-rigward?

06/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorita' ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur bħalissa għaddej bil-ħidma fuq it-traspożizzjoni tad-Direttiva (EU) Nru 2020/1828 li tinkludi l-konsultazzjoni Inter-Ministerjali neċessarja. Ninforma wkoll lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeri u l-entitajiet pubbliċi kkonċernati diġa ġew ikkonsultati fil-fażi meta l-proposta ta' din id-Direttiva kienet għadha qed tiġi diskussa.

Seduta 16
13/06/2022

**DIRETTIVA 2009/22/KE**

**1360. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tagħti l-lista tal-entitajiet f'Malta li s'issa ġew notifikati lill-Kummissjoni Ewropea a tenur tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2009/22/KE? F'kull każ, kif applikabbli, tista' telenka l-liġi jew liġijiet nazzjonali fir-rigward ta' kull waħda minn dawn l-entitajiet fejn allura l-entità konċernata tista' tieħu passi a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-imsemmija Direttiva kif riflessi fil-liġi Maltija?

06/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li l-entitajiet Maltin li ġew notifikati lill-Kummissjoni Ewropea a tenur tal-Artikolu 4(3) tad-Direttiva 2009/22/KE u skont il-liġijiet rispettivi elenkati fil-ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea huma l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, l-Awtorità Maltija tat-Turi¿mu, l-Awtorità tax-Xandir, l-Awtorità tal-Mediċini, l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, l-Għaqda tal-Konsumaturi u l-Assoċjazzjoni għad-Drittijiet tal-Konsumatur.

Seduta 16
13/06/2022

**IN-NADUR - FAĊILITAJIET TAL-FOOTBALL GROUND**

**1361. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid meta ser ikunu lesti l-faċilitajiet tal-ground tal-futbol fin-Nadur? Jista' jgħid jekk dawn hux ser ikunu lesti fil-ħin qabel jibda l-istaġun kalċistiku 2022/2023? Jista' jgħid ukoll jekk il-faċilitajiet li kien hemm ħdejn l-istess ground, hux ser isiru kif kienu qabel jew hux ser isiru oħrajn ġodda?

06/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet fuq is-sit tal-grawnd tal-futbol tan-Nadur li saru bħala parti mill-bini mill-ġdid ta' Triq l-Imġarr ivarjaw minn bini mill-ġdida tar-retaining wallu l-infilmaterialta' wara dan il-grawnd, u jinkludu xogħol ieħor strutturali u infrastruttura bħal sistema ġdida ta' dawl, drenaġġ u stormwater systems.

Seduta 16
13/06/2022

**DIRETTUR ĠENERALI (AFFARIJIET TAL-KONSUMATUR) - ĦRUĠ TA' ORDNI TA' TĦARIS**

**1380. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għall-artikolu 12G(8) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, Kap. 378, tista' l-Ministru tispjega jekk id-dritt mogħti lid-Direttur Ġenerali (Affarijiet tal-Konsumatur) meta jitlob il-ħruġ ta' ordni ta' tħaris, dan ma għandux bżonn għalfejn jipprova:
(a) telf jew ħsara attwali, jew

(b) it-traskuraġni, negliġenza jew ħtija attwali min-naħa tal-persuna konċernata, jekk tali dritt hux ukoll mogħti lill-entitajiet kwalifikati bħalma huma l-għaqdiet tal-konsumatur reġistrati a tenur tal-Kap. 378? Jekk dan mhux il-każ, tista' l-Ministru tgħid għalfejn?

06/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-artikolu 12G (8) tal-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (Kap. 378) huwa limitat għad-Direttur Ġenerali peress li dak l-artikolu qabel l-emendi permezz tal-Att XLIV tal-2019, kien l-artikolu 99 tal-Att u kien jistabilixxi l-istess dispożizzjonijiet tal-artikolu preżenti 12G(8). Għaldaqstant, ma kienx hemm lok għal emendi ta' tali dispożizzjonijiet ħlief għall-renumerazzjoni tiegħu.

Seduta 16
13/06/2022

**IN-NADUR/L-IMĠARR - TRIQ L-IMĠARR U TRIQ SANT'ANTNIN - PAGAMENTI**

**1381. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm saru pagamenti sa issa fuq Triq l-Imġarr u Triq Sant'Antnin u ċjoè t-toroq li min-Nadur iwasslu sal-Imġarr? Jista' jagħti dettalji ta' xiex saru dawn il-pagamenti s'issa, lil min saru u jekk sarux wara tender, talba għal kwotazzjonijiet jew wara direct order?

06/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li saru €8,888,972.31 f'pagamenti relatati ma' kostruzzjoni f'dawn t-toroq u saru wara proċess ta' tender. Wara li kien hemm bżonn isiru xi tibdiliet max-xogħol, saret negotiated procedure biex jiġu inklużi xogħlijiet addizzjonali li kien hemm bżonn li jsiru.

Seduta 16
13/06/2022

**IX-XAGĦRA GĦAWDEX - TRIQ TA' STELLINI - XOGĦLIJIET**

**1382. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex:
Jista' l-Ministru jgħid meta hu maħsub li se jsir ix-xogħol fuq Triq ta' Stellini fix-Xagħra, Għawdex li tinsab fi stat ħażin ħafna?

06/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara li għal għexieren ta' snin din it-triq kienet bla drenaġġ, ftit tax-xhur ilu sar id-drenaġġ. Aktar 'il quddiem issir ukoll bit-tarmak kif suppost.

Seduta 16
13/06/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – LAPSI – PERIKLU MINN BARRIERA**

**1384. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ħadet jew qed tieħu l-Awtorità tal-Ippjanar rigward il-periklu li jeżisti lis-sewwieqa fit-triq tan-niżla ta' Lapsi minn barriera fil-biswit?

06/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex kwistjonijiet dwar road safety jiġu indirizzati lill-Ministeru konċernat.

Seduta 16

13/06/2022

**AWTORITÀ TAL-AMBJENT U R-RIŻORSI – LAPSI – PERIKLU MINN BARRIERA**

**1385. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'azzjoni ħadet jew qed tieħu l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi fir-rigward il-periklu li jeżisti lis-sewwieqa fit-triq tan-niżla ta' Lapsi minn barriera fil-biswit?

06/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-ERA investigat din il-barriera partikolari fuq l-aspetti li l-ERA tista' tinvestiga fuqhom bħala parti mill-irwol regolatorju tagħha, li jinkludi l-konformita mal-permess ambjentali fuq din il-barriera ghall-immaniġġjar ta' skart tal-kostruzzjoni, immaniġġjar ta' fuels li jinżammu fuq is-sit, emissjonijiet ta' trab u aspetti ambjentali oħra.

Infakkar lill-Onor. Interpellant dwar id-diskussjoni parlamentari dwar l-estimi finanzjarji tal-Awtorita tal-Ambjent u r-Riżorsi fejn tkellimt dwar din it-triq. Spjegajt kif l-ERA hija waħda biss mill-awtoritajiet responsabbli fir-regolazzjoni ta' din il-barriera.

Il-punti ta' tħassib li tqajmu mhux neċċessarjament kollha jaqaw taħt ir-responsabilta tal-ERA, iżda l-Ministeru talab li dan it-tħassib jiġi indirizzat mill-awtoritajiet kollha involuti.

Seduta 16
13/06/2022

**INFRASTRUCTURE MALTA – LAPSI – PERIKLU MINN BARRIERA**

**1386. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'azzjoni ħadet jew qed tieħu Infrastructure Malta rigward il-periklu li jeżisti lis-sewwieqa fit-triq tan-niżla ta' Lapsi minn barriera fil-biswit?

06/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata seduta oħra.

Seduta 16
13/06/2022

**SPECIAL OLYMPICS: ĊERIMONJA TAL-FTUĦ – RENDIKONT TAL-INFIQ**

**1413. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra rendikont tal-infiq kollu li sar fiċ-ċerimonja tal-ftuħ tal-iSpecial Olympics, lil min sar il-ħlas u b'liema proċedura (direct order, tender eċċ.)?

08/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Nitlob lill-Onorevoli Interpellant sabiex jagħmel din il-Mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**ENEMALTA - PUBBLIKAZZJONI TA' KONTIJIET AWDITJATI**

**1414. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra liema azzjonijiet ittieħdu fuq in-nuqqas tal-kumpanija Enemalta

plc, li tagħha l-Gvern għandu sehem maġġoritarju, li tissottometti fil-ħin il-kontijiet awditajti tagħha għas-sena 2019 (li ġew sottomessi biss f'April 2022), u għas-sena 2020 (li għadhom ma jidhrux fis-sit tal-Malta Business Registry) sal-ħin li qed issir din il-mistoqsija?

08/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant li d-dokumenti tas-sena 2020 jinsabu fis-sit tal-Malta Business Registry, ngħarrfu li l-MBR timxi dejjem skont ir-regoli stabbiliti.

Seduta 16
13/06/2022

**DELIMARA – XIRI TA' UNIT TA' ENERĠIJA**

**1415. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1304, tista' l-Ministru tispjega kif il-proċess tad-dispatch optimisation li qed issemmi, huwa affettwat mill-fatt li tippubblika l-prezzijiet ta' ħames snin ilu, li rrifjutat li tagħmel f'mistoqsija parlamentari 910, imma fl-istess ħin mhuwiex affettwat mill-fatt li ppubblikat il-prezzijiet ta' xahar ilu f'mistoqsija parlamentari 317?

08/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm differenza bażika bejn il-pubblikazzjoni ta' prezz medju ta' xahar wieħed biss versu l-pubblikazzjoni ta' volumi u prezzijiet dettaljati xahar b'xahar fuq medda ta' numru ta' snin, kif intalab. Informazzjoni dettaljata tista' tippreġudika kull xiri ta' prodott f'suq li jaħdem b'irkant.

Seduta 16
13/06/2022

**SWIMMER DESIGNATED ZONES**

**1416. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar liema huma l-bajjiet li huma kklassifikati bħala swimmer designated zones għas-sajf 2022? Meta hu mistenni li jkunu mmarkati fil-baħar dawn l-istess żoni?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif se jingħata seduta oħra.

Seduta 16
13/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**1417. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru taċċerta li d-dawl pubbliku kollu li hemm fiż-żona ta' Dawret in-Nawfraġju, inkluż iż-żona tal-boathouses, qiegħed jaħdem kif suppost u li allura li l-bozoz kollha, inkluż dawk fuq arbli, (inkluż il-bozza fuq l-arblu li r-ritratt tiegħu qed jiġi mibgħut separatament) ikunu mixgħula bħall-bqija tat-toroq fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? F'każ li hemm xi bozza/bozoz jew arblu/arbli li l-bozoz tagħhom mhux jixegħlu, x'inhi r-raġuni għal dan u meta hu mistenni li dan id-dawl jerġa' jixgħel? Billi hemm ħtieġa ta' iktar dawl fiż-żona kif ser jiġi assigurat li dan id-dawl jiġi installat u jixgħel minħabba d-dlam li wieħed isib f'din iż-żona?

08/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tekniċi tal-Enemalta għamlu spezzjoni f'Dawret in-Nawfraġju u biddlu l-bozoz li ma kinux jixegħlu għal bozoz LED. Madankollu hemm dwal dekorattivi li wkoll mhux mixgħula. Dawn ma jaqgħux fir-responsabbiltà tal-Enemalta iżda tal-kunsill lokali.

Seduta 16
13/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – DAWRET IN-NAWFRAĠJU - BOZOZ**

**1418. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jaċċerta li d-dawl pubbliku kollu li hemm fiż-żona ta' Dawret in-Nawfraġju, inkluż iż-żona tal-boathouses qiegħed jaħdem kif suppost u li allura li l-bozoz kollha inkluż dawk fuq arbli, (inkluż il-bozza fuq l-arblu li r-ritratt tiegħu qed jiġi mibgħut separatament) ikunu mixgħula bħall-bqija tat-toroq fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar? F'każ li hemm xi bozza/bozoz jew arblu/arbli li l-bozoz tagħhom mhux jixegħlu x'inhi r-raġuni għal dan u meta hu mistenni li dan id-dawl jerġa' jixgħel? Billi hemm ħtieġa ta' iktar dawl fiż-żona kif ser jiġi assigurat li dan id-dawl jiġi installat u jixgħel minħabba d-dlam li wieħed isib f'din iż-żona?

08/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar illi diġà qed tittieħed azzjoni biex il-bozoz jiġu rranġati, inkluża dik tal-arblu inkwistjoni.
Intant ninsab infurmat illi dwar installazzjoni ta' bozoz ġodda fit-triq kkonċernata, il-Kunsill Lokali qed jevalwa kif jista' jindirizza din il-problema.

Seduta 16
13/06/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – XEMXIJA – MOLL TAL-VEĊĊJA**

**1419. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jara li l-Moll tal-Veċċja, Xemxija, San Pawl il-Baħar, li fih hemm numru ta' arbli bil-fanali, ikun mixgħul fil-ħinijiet meħtieġa speċjalment billejl? X'inhi r-raġuni li dan il-moll issa ilu mitfi għal numru ta' xhur?

08/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li l-imsemmi dawl qiegħed jinxetgħel.

Seduta 16
13/06/2022

**ĦAL QORMI – TRIQ ĠORĠ BORG - XOGĦOL**

**1426. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jispjega għalfejn ix-xogħol fi Triq Ġorg Borg, Ħal Qormi, ilu ġimagħtejn wieqaf? Jista' jgħid meta se jitlesta x-xogħol?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-lokalità ta' Ħal Qormi Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq l-Għargħar 1979, triq biswit Triq il-Mitħna, Triq Dun G. Cilia, Triq Ġorġ Zammit, Triq l-Imdina (li tagħti lejn in-nofsinhar), Triq il-Poeżija, Triq it-Tapizzara, Triq Angelo Borg, Triq in-Naħal, Triq bla isem f'Tal-Ħlas, Triq Għarram, triq fil-limiti tal-Ħammieri, żewġ toroq bla isem biswit Triq il-Belt Valletta, it-triq li tagħti għal Tal-Ħandaq u toroq oħrajn bla isem kif ukoll Triq il-Ħarrub li hemm f'din iż-żona.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq il-Ħelsien li kulma jonqosha li jsiru linji ġodda u Triq Ġorġ Borg, waqt li diġà hemm ippjanat biex fiż-żmien li ġej jibda x-xogħol fi Triq Bellic. Ix-xogħlijiet minn Infrastructure Malta biex tinbena mill-ġdid Triq Ġorġ Borg bdew f'nofs Mejju u jinkludu tqegħid ta' pajpijiet ġodda taħt l-art għad-distribuzzjoni tal-ilma kif ukoll titjib jew bdil fis-sistemi biex is-servizz jitwassal fir-residenzi, bini ta' bankini ġodda, tisħiħ tal-pedamenti u wiċċ ġdid tat-triq b'diversi saffi t'asfalt. Ix-xogħlijiet kollha għandhom jitlestew sa tmiem dan ix-xahar.
Proġetti oħra li saru minn Infrastructure Malta u li wasslu għal titjib kbir fir-rotot ewlenin madwar il-lokalità ta' Ħal Qormi jinkludu l-bini mill-ġdid taż-żewġ roundabouts ta' Ħal Qormi u Triq Manwel Dimech li hemm bejniethom, iż-żewġ roundabouts ta' ta' Ħaż-Żebbuġ fir-rotta lejn Ħal Qormi, Triq Ħal Qormi lejn Ħal Luqa, Triq Ħal Qormi lejn il-Marsa u Ħamrun, kif ukoll it-twessigħ tal-Marsa Hamrun Bypass. Ħal Qormi qed igawdi wkoll mill-akbar żewġ proġetti li għamlet l-aġenzija – il-Marsa Junction Project u s-Central Link Project.

Seduta 16
13/06/2022

**KUMPANIJI MALTIN U PRODUCERS FIL-QASAM TAL-AUDIO VISUAL – ALLOKAZZJONI TA' FONDI MINN DIPARTIMENTI TAL-GVERN**

**1437. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm fondi allokati mid-dipartimenti kollha tal-Gvern għal kumpaniji Maltin u producers li jaħdmu fil-qasam tal-audio visual?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**MALTA FILM AWARDS – SPIŻA**

**1438. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Fid-dawl li l-Malta Film Awards ġie jiswa madwar €1.3 miljun, jista' l-Ministru jgħid b'mod separat:
kemm kienet l-ispiża fuq il-billboards li twaħħlu f'diversi postijiet madwar pajjiżna;
l-armar tal-palk;
kemm ġie jiswa l-audio/sound;
kemm ġew jiswew il-projectors;
kemm ġie jiswa d-dawl;
kemm ġiet tiswa s-sala minn meta ried jitlesta l-armar sa wara l-avveniment;
ir-reklamar fuq il-media soċjali, stazzjonijiet televiżivi fuq ir-radji u ġurnali; u
kemm ġew jiswew il-ħlasijiet tal-persuni li ppreżentaw l-awards, jekk ġew imħallsa, apparti l-preżentatur?

09/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**MALTA LIBRARIES – SEJĦA GĦAL CHIEF OPERATIONS OFFICER**

**1439. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 749, jista' l-Ministru jirrispondi dawn id-domandi:
Fejn ġiet ippubblikata s-sejħa għal Chief Operations Officer (C.O.O.) fl-Aġenzija Malta Libraries?
X'rekwiżiti ntalbu fis-sejħa għall-istess C.O.O.?
Minn min kien kompost il-Bord tal-Għażla u fuq liema kompetenza?

Kemm applikaw kandidati?
Min kien il-kandidat jew kandidata li ntgħażlet?
Xi kwalifiċi għandu jew għandha fix-Xjenzi tal-Libreriji u Arkivji?
X'kienu x-xogħlijiet preċedenti tal-kandidat magħżul?
Minn meta beda t-terminu tiegħu/tagħha fil-Malta Libraries?

09/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Issir referenza għal tweġiba parlamentari 749 rigwardanti l-pożizzjoni ta' Chief Operations Officer (COO) ma' Malta Libraries, li ġiet mimlija skont id-Direttiva Nru 7 (Delegation of Authority to Recruit in the Public Sector Entities) nhar it-23 ta' Novembru 2020 u dan għal perjodu ta' tliet snin.

Seduta 16
13/06/2022

**KUMPANIJI, KOPERATTIVI, PARTNERSHIPS U NGOS LI QED JAGĦMLU UŻU MID-DESIGN CLUSTER**

**1440. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm kumpaniji, koperattivi, partnerships u NGOs li qed jużaw id-Design Cluster? Liema huma dawn il-kumpaniji? X'tip ta' kumpaniji hemm fi ħdan id-Design Cluster? Kemm hemm studios li għadhom vakanti? Kemm hemm membri li qed jużaw il-co-working spaces?

09/06/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 16
13/06/2022

**TEATRU MANOEL – DIRETTUR ARTISTIKU**

**1441. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid meta se jkun hemm is-sejħa għal direttur artistiku tat-Teatru Manoel?

09/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li qed jiġu studjati x'għandhom ikunu l-aħjar strutturi għad-direzzjoni artistika tat-Teatru Manoel u lil hinn u qed issir konsultazzjoni wiesgħa għal dan il-għan.

Seduta 16
13/06/2022

**ĊENTRI TAS-SAĦĦA - SERVIZZI**

**1442. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jindika x'servizzi hemm f'kull Ċentru tas-Saħħa tal-Gvern?

09/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qed inpoġġi din l-informazzjoni fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 16
13/06/2022

**SKOLA PRIMARJA TAL-IMSIDA - XOGĦLIJIET**

**1456. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex kienu wieqfa x-xogħlijiet fuq l-Iskola Primarja tal-Imsida bejn Awwissu 2021 u Mejju 2022?

09/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet kienu temporanjament sospiżi biex, fost oħrajn, jitlestew il-pjanti għall-estensjoni tal-parkeġġ, li se jiżdied minn 80 għal 160 spazju.

Seduta 16
13/06/2022

**SKOLA PRIMARJA TAL-IMSIDA - XOGĦLIJIET**

**1457. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid għaliex ix-xogħlijiet fuq l-Iskola Primarja tal-Imsida għadhom ma tlestewx minkejja li ilhom li bdew?

09/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet mexjin skont pjan maqbul biex l-iskola tinfetaħ matul is-sena skolastika 2023-2024.

Seduta 16
13/06/2022

**SKOLA PRIMARJA TAL-IMSIDA - XOGĦLIJIET**

**1458. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa antiċipat li jitlestew ix-xogħlijiet fuq l-Iskola Primarja tal-Imsida?

09/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Iskola Primarja l-ġdida fl-Imsida hi mistennija li tinfetaħ matul is-sena skolastika 2023-2024.

Seduta 16
13/06/2022

**SKOLA PRIMARJA TAL-IMSIDA - XOGĦLIJIET**

**1459. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid meta kien antiċipat li jitlestew ix-xogħlijiet fuq l-Iskola Primarja tal-Imsida?

09/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħljiet fuq l-Iskola Primarja l-ġdida fl-Imsida kienu antiċipati li jitlestew matul is-sena skolastika 2023-2024**.**

Seduta 16
13/06/2022

**MOLL TAL-IMSIDA - XOGĦLJIIET**

**1460. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa antiċipat li jitlestew ix-xogħlijiet fuq il-moll tal-Imsida?

09/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħol fuq il-promenade tal-Imsida huwa mistenni li jkun lest sal-aħħar t'Awwissu. L-ewwel fażi, dik tas-civil works, inkluż it-twessigħ tal-bankina fuq in-naħa tal-baħar, il-bini mill-ġdid tal-bankina, is-servizzi ġodda minn taħt il-bankina u s-slipway, tlestew diġà tant li sidien u dilettanti tad-dgħajjes li kienu jorbtu ma din in-naħa tal-marina jew jużaw l-islipway biex ivarjaw jew itellgħu dgħajjes, diġà qed jagħmlu dan.
Issa beda l-proċess tal-pavimentar. Il-pjan hu li sezzjonijiet tal-promenade ser jibdew jinfetħu għall-pubbliku malli jitlesta l-pavimentar f'dik il-parti partikolari. Wieħed jinnota li fl-aħħar ġimgħat il-kuntrattur kellu jiffaċċja problemi relatati ma' shipping tal-materjal li qed jintuża għall-pavimentar u li qed jinġieb minn barra.

Seduta 16
13/06/2022

**ENTITÀ GĦAL SERVIZZI LIL PRIĠUNIERI NISA**

**1461. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid meta se tiġi introdotta entità għall-priġunieri nisa li toffri lill-priġunieri nisa servizzi simili għal dawk li toffri l-Fondazzjoni RISe lill-priġunieri maskili?

09/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li għaddejin diskussjonijiet mal-fondazzjoni Rise, bil-ħsieb li jkun introdott dan is-servizz għall-priġunieri nisa wkoll, wara li kien introdott għall-irgiel.

Seduta 16
13/06/2022

**BIRKIRKARA – TRIQ KARM ZERAFA – PROBLEMA FREKWENTI TA' BDIL FIL-VULTAĠĠ**

**1481. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid hemmx xi pjan biex tissolva l-problema frekwenti ta' bdil fil-vultaġġ li qed jesperjenzaw ta' sikwit ir-residenti fi Triq Karm Zerafa, Birkirkara, u meta għandhom jistennew li din tissolva?

09/06/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Enemalta ma kellhiex ilmenti mir-residenti dwar problema ta' vultaġġ fi triq imsemmija. L-uniku ilment li l-Enemalta rċeviet kien fis-7 ta' Ġunju 2022, fejn marru t-tekniċi tal-Enemalta għand il-klijent dakinhar stess u nstab li l-problema kienet fl-OVR tal-klijent.

Seduta 16
13/06/2022